MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 503/2009/1

**Talba Numru: 503/2009CSH**

**L-Avukat Dottor Mario Scerri, Joseph Debono, John Debono u Andrew Debono**

**vs**

**Registratur tal-Qrati Superjuri (Malta)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-13 ta' Lulju 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Mario Scerri, John Debono, Joseph Debono u Andrew Debono pprezentat ai termini*

*tal-Artikolu 64 tal-Kap 12, nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru 2009 fejn esponew bir-rispett:-*

*Illi b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-18 ta' Settembru 2009, l-appell li sar ad istanza tal-atturi appellanti gie michud, u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali tal-20 ta' Novembru 2008, giet ikkonfermata;*

*Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet fuq il-mertu tal-konvenuti, illiberat lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, u cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;*

*Illi l-esponenti jissottomettu li d-dritt tal-avukat fl-appell ma giex intaxxat mir-Registratur skont kif preskritt fil-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 meta l-eccezzjonijiet li gew trattati u decizi fis-sentenza tal-ewwel Qorti u li wasslet lill-ewwel Qorti biex illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, kienu jitrattaw proprju il-mertu, u ghalhekk id-dritt kellu jigi hekk intaxxat;*

*Illi d-dritt li gie moghti lill-avukat mir-Registratur skont l-annessa taxxa ufficjali tal-ispejjez immarkata MS1 huwa ta' erbgha mija u tmienja u sebghin wwro (€478) meta d-dritt skont l-artikolu hawn fuq citat kellu jkun dak stabbilit fil-paragrafu 13 tal-istess Tariffa E tal-Iskeda A, u f'ebda kaz mhux inqas min-nofs l-imsemmi dritt:*

*27. F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt.*

*Illi minkejja li l-esponenti gibed l-attenzjoni tar-registratur li d-dritt tal-avukat ma giex intaxxat b'mod korrett u ntalab jahdem dan id-dritt skont kif preskritt fil-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12, ir-registratur irrifjuta li jbiddel it-taxxa kif mahruga minnu;*

*Illi l-esponenti jissottomettu bl-ikbar rispett li l-meritu tal-kawza li gie trattat u deciz mill-Ewwel Qorti ma kienx semplici zgumbrament izda ezami tat-titolu tal-proprjeta' kif effettivament gie mitlub mill-atturi fl-ewwel talba taghhom u kif eccepit mill-konvenuti fit-tielet eccezzjoni taghhom, u t-talba ghall-izgumbrament kienet konsegwenzjali jekk kellhomx jintlaqghu jew le din it-talba jew l-eccezzjoni;*

*Illi l-valur tal-kawza jirrizulta stabbilit mill-atti tal-kawza (vide kuntratt ta' trasferiment causa mortis tal-attur Salvatore Haber li miet fil-mori tal-kawza li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-18 ta' Jannar 2005);*

*Illi l-esponenti jrid jattakka din it-taxxa ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12;*

*Illi t-taxxa ufficjali giet mahduma fit-12 ta' Novembru 2009, u giet rilaxxata lill-esponenti fis-16 ta' Novembru 2009, u ghalhekk ir-rikors qed isir fit-terminu preskritt fl-artikolu 64(1) tal-Kap. 12;*

*Ghaldaqstant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-Registratur taghha jintaxxa d-dritt tal-avukat kif preskritt fil-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.*

*Rat ir-risposta ta' Frans Attard et tal-20 ta' Jannar 2010 fejn esponew bir-rispett:*

*1. Illi l-esponenti ma jaqblux mat-talbiet tar-rikorrenti Avukat Dr. Mario Scerri, John Debono, Joseph Debono u Andrew Debono stante li t-taxxa kif mahduma fit-12 ta' Novembru 2009 mir-Registratur hija wahda gusta u mahduma skont il-Ligi u mhux kif qed jinghad mill-istess rikorrenti u li mhux il-kaz li t-taxxa ghandha tinhadem skont il-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12, u li ghalhekk id-dritt ta' avukat huwa dak kif indikat fit-taxxa u cioe' ta' erba mija u tnejn u sebghin ewro (€472), u l-Qorti kienet korretta li dan il-kaz qed jittratta mhux il-mertu imma fuq id-dritt dwar il-pussess jew le tal-izgumbrament tal-fond.*

*2. Illi l-fatt illi hemm kuntratti kif jinghad u denunzji causa mortis u trasferimenti causa mortis ma jiggustifikax il-kaz, kif qed jippruvaw jaghmlu r-rikorrenti, li kaz ta' semplici dritt ta' pussess ta' art jew le ghandha tigi mahduma b'mod abbuziv biex ma nghidx kelma ohra, taht il-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A. Dan qed nghidu b'responsabilita' kbira meta s-sottoskritt l-avukat tal-appellanti fil-kaz imssmi wkoll ghandu dritt li jithallas, pero' jinsistu li ghandu tithallas kif mahduma t-taxxa fid-dokument MS1 annssa mar-rikors.*

*Rat ir-risposta tal-atturi appellanti Jane mart Anthony Axiaq, Josephine mart George Attard, Emanuela mert Ray Levitt, Michaelangelo, Antonia Haber, Philip Haber, Joseph u Josephine Attard; Michaelangelo, Grezzju, Salvu, Michaelangela Haber xebba, Maria Calleja, Doris Vella, Loreta Xuereb, Carmela Borg, Guza Cini, Annie Buttigieg, u Claire Sammut; Joseph, Loreto, Giorgina mart Pancrazio Azzopardi, Francis f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' ohtu Maria Camilleri, u Saviour ilkoll ahwa Attard, Joseph Attard, Salvu Attard, Maria Attard, Antonia Kingswell u Carmel Attard. Huma esponew is-segwenti:*

*Illi in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti mhijiex kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern in kwantu ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif konstantement interpretat mill-Qrati taghna, il-kompetenza dwar talbiet ghal ritaxxa tad-drittijiet gudizzjarji tispetta lil dik il-Qorti illi taht il-gurisdizzjoni taghha jaqa' l-valur tat-taxxa impunjata. Fil-kaz odjern, dan l-artikolu ghandu mbaghad jigi abbinat mal-artikolu 767 tal-istess Kap. 12 u galadarba n-numru ta' intimati illi jghixu fil-gzira t'Ghawdex huma ferm aktar u akbar minn dawk li jirrisjedu jew ghandhom l-ufficcju fil-gzira ta' Malta, isegwi illi kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri. In-numru tal-intimati li jghixu f'Ghawdex huma prattikament l-intimati kollha hlief ir-Registratur tal-Qrati Superjuri.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Huwa*

*fatt assodat fil-gurisprudenza nostrana illi l-meritu ta' kawza huwa dejjem cirkoskritt it-talbiet dedotti mill-attur fil-kawza. Il-Qorti ma tistax tmur oltre dawk it-talbiet ghaliex altrimenti tkun qieghda tmur ultra petita u extra petita. Issa fil-kaz odjern, it-talbiet kienu ben cari u precizi, u kienu tnejn u xejn aktar:*

*1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw ir-raba' maghrufa bhala 'Ic-Cens tal-Gharus' sive 'Ta' Cordina' li jinsab fi Triq Ta' Cordina, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;*

*2) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Qorti jizgumbraw mill-imsemmi raba' 'Ic-Cens tal-Gharus' sive 'Ta' Cordina' li jinsab fi Triq Ta' Cordina, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex.*

*Naturalment sabiex jirribattu il-pretensjoni tal-konvenuti illi huma ghandhom titolu fuq din l-art, l-esponenti kienu kostretti illi jinvestigaw anke t-titolu rispettiv tal-partijiet. Izda dan xejn ma jbiddel in-natura tat-talbiet taghhom u minn kawza ghal zgumbrament jirrendi l-kawza taghhom ghal kawza rivendikatorja.*

*Daqstant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Rat il-verbal taghha tas-17 ta' Marzu 2010 fejn l-avukat tal-ahwa Attard eccepixxa li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza rationae materiae peress li din hi ritassa ta' sentenza moghtija minn Qorti Superjuri.*

*Rat ukoll li fl-istess seduta l-attur talab li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba, bil-visto tal-kontroparti li kellhom jirrispondu sal-14 ta' Mejju 2010.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Dottor Mario Scerri, minnu pprezentata nhar id-29 ta' Marzu 2010.*

*Rat ukoll in-nota tal-istess Avukat Dottor Mario Scerri tas-17 ta' Mejju 2010 li permezz taghha esebixxa kopja legali*

*ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali deciza fil-15 ta' April 2009 (Rikors Nru 111/2007 AE* ***Francis Saliba et vs Registratur tal-Qorti t'Għawdex et)*** *[Dok. X], fejn fost ħwejjeġ oħra giet trattata kwistjoni identika għal dik li għandha quddiema din il-Qorti dwar il-kompetenza bejn il-Qorti Superjuri u l-Qorti Inferjuri fi kwistjonijiet ta' ritassa, li wasslet lil dik il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-inkompetenza billi t-taxxa kontestata ma kinitx taqa' fil-kompetenza tal-istess Qorti Superjuri li kienet iddecidiet il-kawza.*

*Rat inoltre r-rikors tar-rikorrent Avukat Dottor Mario Scerri et tal-31 ta' Mejju 2010 fejn irrileva li għalkemm l-atturi appellanti kellhom sal-14 ta' Mejju 2010 biex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, dan m'għamluhx. Għaldaqstant talab lil din il-Qorti sabiex tgħaddi biex tagħti provvediment dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza, li giet sollevata mid-difensur tal-atturi appellanti.*

*Rat li għalkemm il-kontroparti gew notifikati b'dan ir-rikors, ma pprezentaw l-ebda risposta, u għalhekk laqgħet it-talba u ħalliet ir-rikors għall-provediment dwar din l-eccezzjoni.*

*Rat illi nhar l-10 ta' Gunju 2010 id-Direttur tal-Qrati u Tribunali Civili pprezenta rikors fejn talab lil din il-Qorti takkordalu zmien sabiex jipprezenta eccezzjonijiet fil-kawza odjerna stante illi għandu nteress illi dina l-Onorabbli Qorti tingħata r-ragunijiet kif inħarget it-taxxa meritu tal-kawza odjerna.*

*Wara li rat ir-risposta u l-oggezzjoni tal-Avukat Dottor Mario Scerri għat-talba kontenut f'dan ir-rikors, il-Qorti deħrilha li kellha tiċħad l-istess talba, u għaldaqstant għaddiet biex tagħti l-provvediment dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi in linea preliminari l-atturi appellanti fis-sentenza mogħtija, l-intimati llum, eccepew in-nuqqas ta'*

*kompetenza ratione materiae tal-Qorti peress li fil-fehma taghhom il-kompetenza dwar talbiet ghar-ritaxxa tad-drittijiet gudizzjarji tispetta lil dik il-Qorti illi taht il-gurisdizzjoni taghha jaqa' l-valur tat-taxxa mpunjata. In oltre jghidu wkoll li dan l-artikolu ghandu jigi abbinat mal-artikolu 767 tal-Kap. 12, stante li numru kbir tal-intimati odjerni jghixu Ghawdex, hija l-Qorti t'Ghawdex li ghandha gurisdizzjoni.*

*Ghalhekk din il-Qorti sejra l-ewwelnett titratta dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari qabel ma tidhol u tiddiskuti l-mertu.*

*Dwar din l-eccezzjoni l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza studjata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri nhar il-15 ta' April 2009 fl-ismijiet* ***Francis u Rita konjugi Saliba vs Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex u b'digriet moghti fit-2 ta' Marzu 2009 ordnat li jigi msejjah Joseph Xuereb u l-avukat Dr Mario Scerri*** *fejn inghad is-segwenti:-*

*"M'hemmx dubju li taxxa li tinhareg mir-Registratur hi att tieghu u mhux tal-Qorti li ddecidiet il-kawza (ara per ezempju* ***Emmanuel Buttigieg proprio et vs Anthony Cauchi proprio et nomine*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Lulju 2004). Tant hu hekk li l-ligi stess tipprovdi li "l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti......" (****Artikolu 64 tal-Kap. 12****). Kif tajjeb gie osservat fil-kawza* ***Lewis Borg vs Avukat Dr Giuseppe V. Salamone,*** *fil-kaz ta' taxxa, "....lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi ghat-taxxi maghmula mir-Registratur, meta tigi mpunjata l-attendibilita' jew il-korrettezza taghhom minn min ikollu nteress." (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 23 ta' Frar 1960).*

*Ghalhekk ghalkemm kawza tkun giet deciza minn Qorti Superjuri, b'daqshekk ma jfissirx li l-procedura ta' ritassa trid bilfors tinstema' u tigi deciza minn dik il-Qorti. Dan minkejja li fir-realta' hu certament iktar desiderabbli li procedura ta' ritassa ssir quddiem l-istess Qorti, presjeduta mill-istess gudikant li jkun ippronunzja s-sentenza. Hu evidenti li t-talba tar-rikorrenti m'ghandhiex*

*valur incert jew indeterminat in kwantu t-taxxa mahruga mir-Registratur hi intrinsikament marbuta ma' valur li rrikorrenti jippretendu li m'huwiex korrett u qeghdin jitolbu li jigi rivedut. Valur li jirrizulta mit-taxxa mahruga mir-Registratur u li wara kollox hu t-titolu li jaghti lok ghal dan il-procediment (**Artikolu 748 (b) tal-Kap. 12**), u liema valur jista' jigi rivedut fi procediment ta' ritassa.*

*Ir-rikorrenti jippretendu li t-taxxa mahduma mill-intimat Registratur tal-Qorti hi zbaljata inkwantu d-dritt tar-registru u tal-avukati hu eccessiv, u ghalhekk iridu li ssir mill-gdid. Il-valur komplessiv tat-taxxa hu ta' €991.34 + €1521.58 total €2512.92 ). Valur li ma jaqax fil-kompetenza tal-Qorti Superjuri. Il-Qorti lanqas ma tista' targumenta li t-taxxa nharget mir-Registru tal-Qrati Superjuri u ghalhekk ir-rikors seta' jsir quddiem Qorti Superjuri.*

*Skont l-**Avviz Legali 139 ta' l-2004** kif sussegwentement emendat, jezisti biss registru wiehed ghal Malta msejjah Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta, u iehor ghal Ghawdex imsejjah Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex, u li hu kompetenti li jircievi atti gudizzjarji, atti bil-miktub u dokumenti ohra. Registru li espressament iservi ghall-Qrati Superjuri u Inferjuri. Mir-ricerka li ghamel il-Magistrat sedenti jirrizulta li qabel l-emendi li saru bl-Ordinanza VI ta' 1880, kull Qorti (inkluz dawk superjuri) kellha registru taghha."*

*Sussegwentement, l-Artikolu 36 kif emendata bl-imsemmija Ordinanza gie jaqra:*

*"Le Corti Superiori hanno un registro comune a tutte. Le Inferiori hanno ciascuna il suo particolare registro.",provvediment li thassar. Jidher li qabel l-emendi li saru bl-Ordinanza VI tal-1880 il-prassi kienet li l-procedura ta' ritassa kienet issir quddiem il-Qorti li mir-registru taghha tkun harget it-taxxa.*

*F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza **Balbi vs De Domenico** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fit-3 ta' Gunju 1983 fejn gie dikjarat li procedura ta' ritassa ma kenitx ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc in kwantu*

*tali procediment kien jitratta dwar kawza li giet deciza mill-Qorti, li procedura ta' ritassa m'hijiex ta' natura kummercjali, u lanqas m'hi att ta' kummerc ghall-kontendenti. Il-Qorti osservat:*

*"Considerando che prima della promulgazione dell'Ordinanza No. VII del 1880, con cui veniva emendat l'Art. 36 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, la pratica che fin'allora era invalsa di impugnare le tasse,fatte dal Registratore, dei diritti nelle cause decise dale Corti Superiori, innanzi la Corte che avesse deciso il giudizio cui quei diritti riguardassero, era qualificata dal fatto che a ciascuna delle Corti Superiori era preposto un Registratore. Siffatta ragione, pero', piu non esiste dacche' per l'Art 2. della detta Ordinanza, emendante il suddetto Art. 36, i quattro registri delle Corti Superiori sono stati riuniti in un registro comune a tutte quelle Corti, sotto la direzione e responsabilita' di un solo Registratore.".*

*Insenjament li certament ma jistax japplika llum il-gurnata fejn ghandek registru wiehed u Registratur, Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex wiehed konsegwentement din l-eccezzjoni qed tigi michuda. Imiss issa pero' li din il-Qorti titratta t-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni, u cioe' fejn gie allegat li din il-Qorti m'ghandhiex kompentenza tisma' din il-kawza peress illi l-maggor parti tar-rikorrenti f'din il-kawza huma residenti Ghawdxin.*

*Skont l-**Artikolu 47(1) tal-Kap. 12** jiddisponi s-segwenti:*

*"Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat wiehed jippresjedi u dik il-Qorti bhala l-Qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sal-ammont ta' hdax-il self sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centesmu (€11,646.87) kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja parti ta' dik il-Gzira ta' Malta"*

*Illi ghalhekk jidher mill-kliem tal-Ligi li skont l-artikolu 47(1) tal-Kap 12 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghandha*

*gurisdizzjoni <u>biss kontra persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja f'Malta.</u>*

*Jinghad skont is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli nhar id-9 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet* ***<u>A.F. Ellis vs Segretarju Permanenti Ministeru Gustizzja:-</u>***

*"Il-Gvern ta' Malta huwa wiehed komuni kemm ghall-gzira ta' Malta kif ukoll ghall-gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, minkejja l-fatt li skont il-ligi tal-procedura dawn ghandhom gurisdizzjoni separata.*

*Skont l-artikolu 767 tal-Kap. 12, il-beneficcju tal-privilegium fori msemmi fil-paragrafu (c) tal-artikolu 741 hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-gzira ta' Malta rigward il-Qrati ta' dik il-gzira, u lil dawk li joqghodu fil-gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta' dawk il-gzejjer. Dan il-privilegg ghalhekk huwa marbut mal-fatt ta' residenza u dan huwa hekk minhabba l-principju legali tal-"actor sequitur forum rei"."*

***Jidher mir-rikors tar-rikorrenti li l-partijiet, salv u b'eccezzjoni ghall-intimat Registratur tal-Qorti Superjuri (Malta), jirrisjedu Ghawdex u ghalhekk dan ir-rikors messu gie intavolat fir-Registru tal-Qorti ta' Magistrati (Ghawdex), u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors bla ma tidhol fil-mertu tieghu, u tibghat l-atti lir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu assenjati lil din il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li tisma' dawn il-kazijiet.***

***L-ispejjez ta' din il-kawza huma riservati ghal gudizzju finali.***

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Dottor Mario Scerri ID 18965(G), Joseph Debono, John Debono, u Andrew Debono datat 26 ta' Lulju 2010 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom imressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tiddikjara l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala kompetenti *rationae materiae* b'dan li l-atti jigu rinvjati lill-istess Qorti.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghall-finali trattazzjoni ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 2011.

Rat ir-rikors tal-appellanti datat 16 ta' Mejju 2011 fejn talbu l-kjamata fil-kawza tal-persuni li kienu partijiet Citaz. Nru. 120/00 u sabiex jigu allegati l-atti tal-istess kawza ma' dan l-appell. Rat ir-risposta tal-appellat datata 23 ta' Mejju 2011 fejn oppona ghall-ewwel talba u rremetta ruhhu ghat-tieni talba; u d-digriet datat l-1 ta' Gunju 2011 fejn giet michuda t-talba ghall-kjamata fil-kawza peress li jirrizulta li l-persuni ndikati ma kienux parti u lanqas indikati fl-okkju tal-provediment tat-13 ta' Lulju 2010 li minn sar issa dan l-appell; dwar it-tieni talba ghall-allegazzjoni tal-process din giet milqugha.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali datata 23 ta' Mejju 2011 a fol 27 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Gunju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher ir-rikorrenti Dr. Mario Scerri u Dr. Noel Bartolo ghad-Direttur tal-Qorti. Il-Qorti irrilevat li d-digriet tal-1 ta' Gunju in iskritt hu fis-sens li tichad it-talba ghall-kjamat in kawza peress li irrizulta li l-persuni ndikati ma kienux parti u lanqas indikati fl-okkju tal-provediment tat-13 ta' Lulju 2010 li minnu qed isir dan l-appell. Laqghet it-tieni (2) talba ghall-allegazzjoni tal-process, u ghalhekk id-digriet dattilografat hu zbaljat u ordnat li ovvjament jigi ittajpjat b'mod korrett. Deher ukoll Frans Attard, Giuseppi Attard, Antonio Attard, Loreto Attard, Giuseppe Attard u Antonia Kingswell. Dr. Bartolo irrimetta ruhu ghas-sentenza tal-Qorti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghal provediment in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 13 ta' Lulju 2010.

Rat l-atti kollha tal-process anness ma din il-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li la darba l-procedura istitwita kienet biss kontra Registratur tal-Qrati (Superjuri) Malta, mela allura ma kellux ikun hemm applikazzjoni tal-**artikolu 767 tal-Kap. 12** ghaliex l-istess Registratur biss kien il-parti l-ohra fil-kawza, u saret biss notifika lil kull min ghandu interess fil-kawza skond l-**artikolu 64 (2) tal-Kap. 12**, izda b'daqshekk dawn ma sarux parti fil-kawza.

Illi fit-talba ta' dan l-appell hemm inkluz talba sabiex jigu sfilzati mill-atti tal-kawza dawk l-atti li saru minn min m'ghandu ebda *locus standi*. F'dan l-istadju din il-Qorti thoss li tali talba ghandha tigi michuda u dan ghaliex tirreferi wkoll ghall-atti li kienu gew prezentati quddiem l-Ewwel Qorti. Jekk tali partijiet fil-kawza l-ohra li taghha qed tintalab b'din il-procedura ritassa ghandhomx ikunu parti f'din il-kawza ghaliex ghandhom interess u sabiex il-process ikun integru, jibqa' hawn impregudikat ghaliex dan l-appell ma huwiex fuq dan il-punt.

Illi dwar il-mertu tal-appell odjern quddiem din il-Qorti ma hemmx dubju li l-azzjoni ta' ritassa abbazi tal-**artikolu 64 tal-Kap. 12** hija indipendenti mill-azzjoni li taghha tkun qed tintalab ritassa u dan kif gie deciz fis-sentenza **"Mid Med Bank plc vs Ellul Holdings Limited"** (P.A. (AJM) – 12 ta' Gunju 2002); **"Emmanuel Buttigieg proprio et vs Anthony Cauchi proprio et nomine"** (A.C. – 29 ta' Lulju 2004); **"Francis Saliba et vs Registratur tal-Qorti Ghawdex et"** (Mag (S – Ghaw) (AE) – 15 ta' April 2009); **"Violet Camilleri vs Registratur tal-Qrati tal-Magistrati (Ghawdex)** – A. C. – 2 ta' Lulju 2010).

Illi mill-proceduri odjerni jirrizulta li l-unika intimat f'din il-procedura huwa proprju r-Registratur tal-Qrati Superjuri (Malta) u dan jirrizulta car mill-okkju ta' din il-procedura, u l-okkju ta' dan l-appell, u allura dak sottomess mill-appellant huwa korrett fis-sens li l-fatt li l-partijiet fil-kawza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Jane Axiaq proprio et nomine vs Joseph Debono et"** (Citaz. Nru. 120/00) kienu biss notifikati fl-Ewwel Istanza bl-istess proceduri ma jfissirx li dawn saru parti fil-kawza **"Emmanuel Buttigieg nomine vs Anthony Cauchi proprio et nomine"** (A.C. – 29 ta' Lulju 2004). Fil-fatt tant huwa minnu dan, li saret talba ghall-kjamata fil-kawza ghall-istess. Jekk ghandhomx ikunu parti fil-kawza hija kwistjoni ohra li mhux il-mertu ta' dan l-appell.

Illi tenut kont ta' dan il-fatt mela allura l-**artikolu 767 tal-Kap. 12** certament ma japplikax ghal dan il-kaz ghaliex ma hemm l-ebda persuna li ghandha r-residenza taghha Ghawdex ghaliex kif sewwa rreteniet l-Ewwel Qorti r-Registratur tal-Qrati Superjuri (Malta) ghandu l-indirizz tieghu Malta (ara **"A.F. Ellis vs Segretarju Permanenti Ministru Guztizzja"** – A. C. – 9 ta' Gunju 2003), u allura l-appell qed jigi milqugh b'dan li tiddikjara minflok li kif impostata l-procedura odjerna hija l-Qorti tal-Magistrati (Malta) li ghandha kompetenza li tisma` l-kaz, u allura l-atti kollha ta' l-istess qed jigu rrinvjati lill-Ewwel Qorti sabiex il-kaz jigi trattat minnha skond il-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti l-Avukat Dottor Mario Scerri et datat 26 ta' Lulju 2010 biss inkwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li tannulla u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13 ta' Lulju 2010 (Rikors 503/09) fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Mario Scerri et vs Registratur tal-Qrati Superjuri (Malta)" b'dan li din il-Qorti tiddikjara li l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) hija kompetenti sabiex tisma` r-rikors tal-appellanti kif**

**minnhom prezentat, u ghalhekk qed tibghat u tirrinvija l-atti kollha ta' din il-procedura lill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) u dan sabiex fid-dawl ta' din id-decizjoni l-istess rikors jigi trattat u deciz skont il-ligi.**

**Bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu riservati ghad-decizjoni finali fuq l-istess rikors.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------